**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Nru: 416/2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Roderick Attard)**

**-Vs-**

**Elvis Falzon**
**u**
**-*Omissis*-**

**Illum, 1 ta' Diċembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **ELVIS FALZON** ta' 41 il-sena, bin George u Rosaria xebba' Bondin, imwieled Haz-Zabbar nhar it-2 ta' April 1978 u residenti Amour, Flat 3, Triq il-Kitba, Fgura u detentur tal-karta ta' l-identita numru 206778(M) u *Omissis*, ta' 46 il-sena, bin Francis u Mary xebba' Spiteri, imwieled il-Pieta' nhar is-6 ta' Jannar 1973 u residenti Binja Zifla Ent B, Fl 2, Triq Marjanu Gerada, Tarxien, Txn 1621 u detentur tal-karta ta' l-identita Maltija 0105573M tressqu quddiemha akkuzati talli:

1) Nhar it-08 ta' Lulju, 2019, u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel din il-gurnata, ġewwa dawn il-gzejjer, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet

differenti, li jiksru l-istess dispozzijonijiet tal-Ligi u li gew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkomettew serq minn fuq vann bin-numru ta' registrazzjoni CCI361 li kien ipparkjat gewwa l-*premises* tal-fabrikka Uniplast Ltd , Bulebel Estate, Zejtun, ta' diversi affarijet (ġuggarelli) ghad-detriment ta' ***Uniplast Ltd*** u/jew Arthur Frank Mallia u/jew Lara Jane Mallia**.**, fejn it-total jeċċedi is-somma ta elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq hu aggravat bil-mezz, lok, valur, u bil-ħin.

2) U aktar talli fl-istess dati, fil-gzejjer Maltin, laqaw ghandhom jew xtraw ħwejjeg misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentament b'kull mod iehor li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom

3) aktar talli nhar id-9 ta' Lulju 2019, ghall-habta ta' 19:17hrs, gewwa Bulebel Estate, Zejtun u/jew bil-hsieb li jwettqu r-reat ta' serq b'atti esterni taw bidu ghall-eskuzzajoni, ta' delitt, liema delitt ma giex ikkunsmat minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta` taghhom

4) Akkuzati aktar talli nhar it-2 Gunju 2019 ghall-habta ta' 18:25hrs gewwa l-parking tal-fabbrika Uniplast Ltd, sitwata gewwa Bulebel Estate, Zejtun, volontarjament hassru jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn 2,500 Euro, ghad-dannu ta' Uniplast Ltd u/jew Arthur Frank Mallia u/jew Lara Jane Mallia

Il-Qorti giet mituba li titratta lil ***Elvis Falzon u lil -omissis-*** bħala persuni reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gew misjub hatja b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita` mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandom x’jaqsmu mal-hatra ra; l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tordna is-sekwestru tal-vettura tal-ghamla ***Maruti*** tip 800 bin-numru tar-registrazzjoni CBE737 hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li mhux ħati[1];

Rat in-nota tal-Avukat Generali tad-9 ta’ Diċembru 2020 fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi taghhom, hemm maħsub li tista’ tinstab ħtija, u cioe`:

1. Fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(e)(f), 263(a)(b), 264, 265, 267, 269(d), 270, 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2) u 281 (a) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18 u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 18, 41(1)(a), 261, 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 18, 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Saret korrezzjoni fl-akkużi fis-seduta tad-19 ta’ Settembru 2019.

5. Fl-artikoli 18, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 15A(1)(2), 17, 18, 20, 23, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tat-12 ta' Mejju 2021 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Rat illi permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Ottubru 2022, fuq talba tal-Prosekuzzjoni ġiet ordnata s-separazzjoni tal-proċeduri kontra ż-żewġ ko-imputati b'dan illi l-proċeduri fil-konfront tagħhom bdew jitmexxew separatament;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni, il-parte ċivili u d-difiża tal-imputat odjern, waqt is-seduta tad-9 ta' Novembru 2022;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**<u>Provi tal-Prosekuzzjoni</u>**

**Arthur Frank Mallia**, id-direttur tas-soċjeta' Uniplast Limited, xehed illi din il-kumpannija topera minn fabbrika ġewwa ż-żona industrjali tal-Bulebel fejn timmanifattura oġġetti u ġuragrelli tal-plastik, prinċipalment pupi għal negozji lokali. Spjega illi l-kumpannija tagħmel diversi konsenji kuljum b'żewġ trakkijiet (box truck) li għandhom kaxxa ta' 24 pied, wieħed minnhom b'purtiera fil-ġenb, u l-ieħor bil-ġnub magħluqin fejn l-aċċess huwa biss minn wara.

Xehed illi ġeneralment, l-aħħar konsenja ssir għall-ħabta tal-4.00 p.m. u kif jasal lura l-fabbrika, it-trakk jitgħabba bil-lest għall-konsenja tal-għada fil-għodu fis-6.00 a.m. Ġara illi meta saret konsenja għand klijent fit-2 ta' Ġunju 2019, instab li kien hemm xogħol nieqes fejn il-konsenja ma kienetx qablet mad-*delivery note*. Huwa ra l-filmati tal-cameras li juru l-bitħa fejn tinżamm il-merkanzija u l-pallets u fejn jitgħabba t-trakk, liema bitħa hija miftuħa, u osserva li l-ġurnata ta' qabel xi persuni kienu qegħdin iduru mat-trakk u mbagħad fetħu l-ġenb tat-trakk u ħadu xi xogħol mill-pallets ġewwa t-trakk. Minn hekk intebaħ illi s-serq kien sar wara li t-trakk tgħabba bil-merkanzija. Huwa rrapporta dan is-serq lill-Pulizija fit-3 ta' Ġunju 2019 wara li ra li kien hemm tiċrita fil-putiera tal-ġenb tat-trakk u għaddielhom kopja tal-filmat l-għada 3 ta' Lulju 2019.

Xehed ukoll illi wara dan l-inċident, il-klienti baqgħu jsibu merkanzija nieqsa mill-konsenji li jsiru filgħodu iżda li jkunu tgħabbew fit-trakk lejliet. Din il-merkanzija dejjem kienet tikkonsisti f'ġugarelli kompluti, mhux *parts* ta' pupi. Dawn kienu jiġu f'settijiet separati bil-logo ta' Playmobil. Kull meta kien jiġi rapportat lilu diskrepanza bejn il-konsenja u d-*delivery note*, kien jara l-filmati tal-ġurnata ta' qabel fejn bosta drabi ra lill-istess persuni qegħdin jisirqu mit-trakk u ġabar dawn il-filmati fuq *pendrive* u għaddihom lill-Pulizija[2]. Xehed illi mill-filmati jirriżulta li s-serq dejjem kien isir x'ħin jidlam u f'kull każ bejn l-4.00 p.m. u t-8.00 p.m.. Spjega wkoll illi l-ħaddiema tiegħu jieħdu break fis-6.00 p.m. u ġie li meta jmorru lura, isibu kaxxi neqsin mill-bitħa u darba minnhom instabu kaxxi neqsin ukoll mill-*production line* fejn insterqu pakketti li fihom ikun hemm pupu.

Ippreċiża wkoll li s-serq kien isir miż-żewġ trakkijiet tal-kumpannija li jintużaw għall-konsenji u safejn għandu x'jaqsam it-trakk bil-purtiera fil-ġenb, spjega illi fil-filmati huwa kien ra lill-malviventi jħollu l-bokkli tal-inċirata u jiftħuha u darba minnhom

[2] Ix-xhud esebixxa pendrive bl-istess filmati, Dok. AM1 kif ukoll pendrive ieħor kontenenti filmati ulterjuri, Dok. AM2.

rahom ukoll jagħmlu tiċrita fl-inċirata u baqgħu jidħlu dejjem minnha[3]. Meta xehed in kontro-eżami, Arthur Frank Mallia ikkonferma li din it-tiċrita ma tistax issewwa iżda tpoġġa t-*tape* fuqha biex ma toqgħodx tperper. Xehed ukoll illi biex tiġi msewwija din it-tiċrita, hemm spejjeż ta' €2,950 pju' VAT[4].

Ix-xhud identifika lill-imputat Elvis Falzon bħala wieħed mill-persuni li jidher f'uħud minn dawn il-filmati iżda eskluda li kien hu li deher jidħol ġewwa l-fabbrika f'waħda mill-filmati. Osserva illi f'diversi filmati tidher l-istess vettura, Maruti 800, fuq il-post, liema vettura kienet qed tintuża waqt dawn is-serqiet. Huwa osserva wkoll illi din kienet tiġi pparkjata viċin it-trakk, fejn wieħed mill-persuni li x-xhud identifika bħala l-imputat Elvis Falzon, kien joqgħod għassa u l-ieħor, li identifika bħala l-ko imputat, *Omissis,* kien jisraq minn ġot-trakk, inewwel il-kaxxi lill-ieħor biex jitfagħhom fil-vettura. Fil-għodu huwa kien isib l-iniċirata tat-trakk jew miftuħ jew inkella mċarrta.

Għalhekk huwa talab lill-Pulizija biex jiġu jagħmlu għassa fuq il-post u l-ewwel darba li ġew kien fis-7 ta' Lulju 2019 bejn l-4.00 p.m. sat-8.00 p.m. iżda ma raw xejn. Madankollu, kif telqu dakinhar, reġa' sar serqa oħra għaliex l-għada fil-għodu reġa' nstab li kien hemm xogħol nieqes mill-konsenja u meta huwa vverifika l-filmati tal-cameras, ra li kienu daħlu jisirqu fit-8.15 p.m. Il-Pulizija reġgħu ġew jagħmlu għassa fil-post l-għada, 8 ta' Lulju 2019 mill-5.00 p.m. 'il quddiem, fejn dakinhar żewġ persuni ġew bl-istess karozza ħdejn it-trakk u twaqqfu mill-Pulizija.

Ix-xhud ipproduċa dokument li fih hemm indikat il-valur tal-prodotti misruqin bejn l-1 ta' Ġunju 2019 u t-8 ta' Lulju 2019, fis-somma totali ta' €11,120 (Dok. AM3[5]), liema valur huwa ħarġu abbażi tal-informazzjoni li pprovdietlu Josette Vella. Ikkonferma illi l-prodott deksritt bħala Lucky Dip fil-kolonna "*Description*", ikun ġie misruq

---

[3] Din l-inċirata tat-trakk jidher fir-ritratti esebiti mill-Ispettur Roderick Attard Dok. RA2 sa Dok. RA11, liema ritratti Arthur Mallia kkonferma li nħarġu mill-filmati ta' żewġ cameras istallati fil-premises tal-fabbrika tiegħu fit-2 ta' Ġunju 2019 (xhieda tal-24 ta' Frar 2020).

[4] Ix-xhud esebixxa quotation Dok. AM4, fol. 191.

[5] Fol. 75.

minn ġewwa l-fabbrika u mhux minn ġot-trakk. Il-prodotti deskritti bħala Pirates, Music u Egyptian ikunu nsterqu minn ġot-trakk[6].

**Lara Jane Mallia**, ukoll direttur tal-kumpannija Uniplast Limited, ikkonfermat illi hija wkoll rat il-filmati fejn jidhru żewġ persuni jidħlu fit-trakk u jieħdu x-xogħol minn hemm ġew, fejn darba minnhom rat persuna fil-filmat li jidher dieħel fil-binja tal-fabbrika matul il-ħin tal-break tal-ħaddiema tal-fabbrika bejn is-6.00 p.m. u 6.30 p.m u ħareġ mill-maħżen bil-kaxxi. Ikkonfermat illi hija għamlet rapport lill-Pulizija fit-3 ta' Ġunju 2019 fejn għadditilhom pendrive bil-filmati tas-CCTV camera. B'referenza għad-dokument Dok. AM3, hija fissret li d-dati indikati huma l-ġranet fejn instabu diskrepanzi bejn il-merkanzija li suppost kien hemm fil-maħżen u dak li nstab nieqes fil-għodu. Qabblet ukoll il-fatt li nstabu neqsin per eżempju, żewġ kaxxi ta' merkanzija, mal-filmati tal-ġurnata ta' qabel fejn iż-żewġ persuni tassew jidhru jisirqu żewġ kaxxi minn ġot-trakk.

**Josette Vella**, *shift leader* mal-kumpannija Uniplast Limited, xehdet[7] li hija pprovdiet l-informazzjoni li tinsab fil-lista Dok. AM3 in kwantu għall-kolonna intestata "*Article Number*", li jirrappreżenta l-kontenut tal-kaxxa tal-pupi li tkun instabet nieqsa, u l-kolonna intestata "*Kwantita'*", li tirrappreżenta l-ammont ta' bagalji jew pakketti neqsin. Dan għamlitu meta bdiet tinnota li kien qed ikun hemm xogħol - konsistenti f'kaxxi[8] kontenenti bagalji żgħar bil-pupi tat-tfal kif ukoll pakketti imsejħa "*Lucky Dip*" - nieqes mill-pallets li jitgħabbew fil-għaxija fit-trakk għall-konsenji tal-għada. Fissret illi qabel ma l-kaxxi tal-merkanzija jitgħabbew fit-trakk filgħaxija, dawn kienu jingħaddu u b'hekk setgħet tkun taf x'instab nieqes minn kull pallett u tagħmel ir-rendikont tad-diskrepanza kull darba li kienu jsibu xogħol nieqes. Ikkonfermat ukoll illi filwaqt li l-bieba ta' wara tat-trakk ikun imsakkar b'ċavetta, il-locks tal-ġenb ma jinfetħux b'ċavetta.

---

[6] Kontro-eżami ta' Arthur Mallia, 29 ta' Lulju 2021.
[7] Xhieda tad-19.9.2019 u kontro-ezami 29 ta' Lulju 2021.
[8] Ix-xhud qalet li kull kaxxa fiha erba' bagalji.

**PC441 Matthew Darmanin** xehed[9] illi kien mitlub mis-superjuri tiegħu jagħmel xogħol ta' sorveljanza fil-fabbrika ta' Uniplast, fiż-żona industrjali tal-Bulebel, u dan minħabba li kien qed isir serq fuq bażi regolari għall-ħabta tal-istess ħinijiet minn żewġ persuni li, skont kif irriżulta mill-filmati li ra x-xhud, jużaw karozza żgħira tal-kulur aħmar. Flimkien ma' PC 220 huwa qagħad għassa mal-fabbrika fejn fid-9 ta' Lulju 2019 għall-ħabta tas-7.00 p.m. dehret il-vettura Maruti ħamra dieħla fil-premises tal-fabbrika fejn kien hemm trakk kbir mgħobbi li xi ġranet qabel kien sar serq minnu. Sakemm huma avvicinaw dawn il-persuni, ra li kienu qalgħu it-*tape* li kien qed iżomm magħluqa t-tiċrita fl-inċirata tat-trakk li kienet imqatta', u kienu ser jieħdu xi pupi tal-Playmobil minn ġot-trakk. Dak il-ħin huwa waqqafhom u arrestahom u minn tfittxija li saret dak il-ħin fil-vettura Maruti bin-numru ta' reġistrazzjoni CBE-737, instabu diversi biċċiet tal-pupi mhux magħqudin[10]. Huwa għaraf lil dawn iż-żewġ persuni bħala l-imputati Elvis Falzon u Robert Borg[11].

Ikkunsidrat;

Illi l-pożizzjoni tal-imputat Elvis Falzon, kif jirriżulta mill-istqarrija li rrilaxxa waqt l-interrogazzjoni li saritlu fl-10 ta' Lulju 2019, hija illi huwa nstab fuq il-post mill-Pulizija għaliex wassal lill-imputat l-ieħor -omissis-u ma mess l-ebda kaxxa li kien hemm fil-vann bl-inċirata u ma seraq xejn. L-imputat stqarr illi huwa biss jagħmel użu mill-karozza tat-tip Maruti 800 bin-numru ta' reġistrazzjoni CBE-737 u ammetta illi fid-9 ta' Lujlu 2019 huwa wassal b'din l-istess vettura lil -omissis-fl-inħawi tal-Bulebel biex dan tal-aħħar "*jiġbor il-plastik minn ġol-bitħa*". Huwa ma wieġebx meta ġie mistoqsi jekk marx ma' -omissis-fuq il-post biex jiftħu l-inċirata tal-vann li kien imqatta' u magħluq bit-tape u biex jisirqu l-kaxxa li kien hemm fit-trakk u ċaħad illi huwa kien mess dan il-vann. Ċaħad ukoll li mess xi kaxxa li kien hemm f'dan il-vann u insista li hu qatt ma seraq xejn.

---

[9] Xhieda tas-6 ta' Novembru 2019. PC 220 Sean Spiteri xehed ukoll fl-istess data u afferma l-fatti kollha li xehed dwarhom PC 441.

[10] Dawn it-tliet biċċiet tal-pupi ġew esebiti bil-ġurament tal-Ispettur Roderick Attard, 24 ta' Frar 2020, Dok. RA17, fol. 293.

[11] Xhieda tal-24 ta' Frar 2020. L-istess identifikazzjoni saret minn PC 200 Sean Spiteri fix-xhieda tiegħu fis-6 ta' Novembru 2019.

Billi dak li jistqarr il-ko-akkużat ma jistax ikun ta' preġudizzju u lanqas ta' benefiċċju għall-ko akkużat l-ieħor, il-Qorti m'hi sejra tagħti l-ebda valur probatorju lill-istqarrijiet li għamel il-ko-imputat -omissis-waqt l-interrogazzjoni, safejn dawn jagħmlu referenza għall-imputat odjern.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi dak li jrid jiġi stabbilit biex tinstab ħtija fl-imputat odjern, huwa jekk fil-kumpless ta' dawn il-provi, diretti u mhux diretti kif ukoll ċirkostanzjali, hemm biżżejjed evidenza biex tikkonvinċi sal-grad taċ-ċertezza morali illi l-imputat mixli quddiemha wettaq ir-reati li qed jiġu addebitat lilu.

Fil-fatt, għas-sejbien ta' ħtija kriminali, is-sistema ġuridiku tagħha jeħtieġ li qorti ta' ġustizzja kriminali trid ikollha ċertezza morali dwar il-ħtija tal-imputat: fi kliem ieħor trid tkun konvinta mill-ħtija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni u trid tqis ukoll li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja il-ġudikant irid ikun assolutament ċert dwar il-ħtija u dan għaliex dan il-livell ta' prova mhux faċli jintlaħaq. Iċ-ċertezza morali, diversament miċ-ċertezza assoluta, hija l-ogħla *threshold* ta' prova li l-liġi teħtieġ fl-ordinament ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[12], ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju, għaliex l-ombra ta' dubju ma jistax jitqies li huwa dubju li huwa dettat mir-raġuni. Fi kliem iehor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li

[12] Deciza 5 ta' Dicembru 1997.

jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni[13].

Fir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-insenjament ta' sentenza reċenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali li in tema, qalet hekk:-

*"19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Peralta deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.*

*20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."*[14]

[13] Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension** (1974 - 2 ALL ER 372), fir-rigward tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt'* qal awtorevolment:- *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

[14] **Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq**, deċiża 24.6.2021.

Fil-każ in diżamina, huwa evidenti minnufih illi l-unika prova li torbot lill-imputat ma wħud mis-serqiet li seħħew għad-detriment tal-kumpannija Uniplast Limited, tikkonsisti (i) fil-filmati mis-CCTV cameras li kienu istallati fil-bitħa tal-fabbrika u mir-ritratti li nħarġu proprju minn dawn il-filmati mill-espert ġudizzjarju fir-relazzjoni tiegħu[15], liema filmati ġew esebiti fuq USB drive minn Arthur Mallia u (ii) fl-identifikazzjoni tal-imputat f'dawn il-filmati u l-identifikazzjoni tiegħu u tal-vettura misjuqa minnu, minn żewġ uffiċjali tal-Pulizija fuq il-post waqt l-allegat attenat ta' serq li seħħ fid-9 ta' Lulju 2019.

In tema tal-ammissibbilita' u valur probatorju ta' immaġini fuq *video footage* elevat minn CCTV cameras fost mezzi oħrajn, il-Blackstone jgħid hekk:-

*"... a purely mechanical generation of an image, say, by CCTV is not hearsay. This follows the common law, whereby juries may be allowed to see still photographs taken by a security camera during an armed robbery (Dodson [1984] 1 WLR 971), or a video recording of an incident (Fowden [1982] Crim LR 588; Grimer [1982] Crim LR 674), and they may hear a tape recording of a relevant conversation (Maqsud Ali [1966] 1 QB 688). Furthermore, just as a video recording of the commission of an offence is admissible, so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position as a witness with a 'direct view of the action' (Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1479).*" [16]

Issa f'dan il-każ l-imputat matul is-smigħ tal-provi ma qajjem ebda eċċezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-filmati li ġew esebiti minn Arthur Mallia[17] u ma kkontestax li dawn huma l-istess filmati li ġew mgħoddija lill-Pulizija u li minnhom inħarġu r-ritratti esebiti fl-atti. F'kull każ, il-Qorti ma għandha l-ebda riżerva dwar l-ammisibbilita' ta' dawn id-dokumenti anke għaliex minn imkien ma jirriżulta li l-filmati eżebiti fl-atti proċesswali m'humiex dawk oriġinarjament reġistrati jew li dawn ġew sottopposti għal xi manipulazzjoni.

---

[15] Dr. Stephen Farrugia Sacco, relazzjoni Dok. SFS1.
[16] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed. F15.16, pp. 2614.
[17] USB drive Dok. AM1 u Dok. AM2.

Illi jirriżulta mill-provi, senjatament il-filmati esebiti fl-atti proċesswali u x-xhieda ta' PC 220 Sean Spiteri u PC 441 Matthew Darmanin, illi għall-ħabta tas-7.00 p.m. – ħin li jirrienta tajjeb fil-parametri tal-ħin tar-reat kif indikat fit-tielet imputazzjoni fiċ-Ċitazzjoni ("*għall-ħabta ta' 19:17hrs*") - wieħed mill-persuni li nqabdu jipprovaw jiftħu l-bokkli tal-inċirata tat-trakk li kien hemm ipparkjat fil-bitħa tal-fabbrika ta' Uniplast Limited fid-9 ta' Lulju 2019, kien l-imputat Elvis Falzon.  L-imputat ġie identifikat mill-uffiċjali tal-Pulizija li arrestawh dak il-ħin u f'kull każ, hu jintgħaraf faċilment mill-filmati ta' dan l-episodju.

Il-Qorti fliet il-filmati kollha fuq il-pendrives Dok. AM1 u Dok. AM2 u kellha wkoll diversi okkażjonijiet biex tara lill-imputat quddiemha fis-seduti miżmuma fuq medda ta' tliet snin sħaħ matul l-*iter* ta' din il-kawza u ma għandha l-ebda riżerva biex tikkonkludi li effettivament, il-persuna li jidher fl-imsemmi filmat tad-9 ta' Lulju 2019, kif ukoll fil-filmati tal-5 ta' Lulju 2019 u tat-8 ta' Lulju 2019 u r-ritratti relattivi, m'huwa ħadd ħlief l-imputat Elvis Falzon, kif del resto kkonferma wkoll Arthur Mallia li għaraf lill-imputat Elvis Falzon f'uħud mill-filmati.

Fir-rigward, issir referenza għal dak li ġie ritenut fil-kawża msemmija fil-bran ċitat qabel, **Taylor vs Chief Constable of Cheshire** (1986), fejn Ralph Gibson LJ spjega:-

"*Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"* [18].

---

[18] Ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri**.

Barra minn hekk, il-vettura Maruti tal-kulur aħmar skur kif ukoll in-numru ta' reġistrazzjoni tagħha, CBE-737, jidhru ċar fil-filmati tad-9 ta' Lulju 2019, liema numru ta' reġistrazzjoni ġie affermat ukoll mill-imsemmija uffiċjali tal-Pulizija fix-xhieda tagħhom.

Mix-xhieda ta' Stephen Cachia[19] u d-dokumenti minnu esebiti, jirriżulta li l-vettura tat-tip Maruti 800 bin-numru ta' reġistrazzjoni CBE-737 tal-kulur aħmar, kienet dak iż-żmien reġistrata f'isem Rosaria Falzon[20] u kienet ilha hekk reġistrata mit-3 ta' April 2018[21]. L-istess Rosaria Falzon, omm l-imputat Elvis Falzon, li xehdet ukoll illi filwaqt li din il-vettura hija reġistrata f'isimha, huwa binha Elvis Falzon li l-iktar jagħmel użu minnha[22], fatt li ġie affermat mill-imputat innifsu fl-istqarrija li huwa rrilaxxa fl-10 ta' Lulju 2019[23].

Jirriżulta, iżda illi fid-9 ta' Lulju 2019, l-imputat u l-kompliċi tiegħu ma laħqux ikkommettew serq proprju għaliex ġew interċettati fil-pront mill-uffiċjali tal-Pulizija li kienu ssejħu biex jissorveljaw it-trakk u b'hekk huma hawnhekk riskontrabbli sewwasew iċ-ċirkostanzi maħsuba fl-Artikolu 41(1)(a) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi wara li eżaminat **il-filmati tal-5 ta' Lulju 2019 u tat-8 ta' Lulju 2019**, il-Qorti taqbel ma' Arthur Mallia illi l-imputat Elvis Falzon huwa wkoll faċilment identifikabbli bħala wieħed mill-malviventi li serqu diversi kaxxi minn ġot-trakk. Huwa minnu li f'dawn il-filmati l-imputat fl-ebda waqt ma jidher jidħol fit-trakk jew

[19] Xhieda tas-26 ta' Settembru 2019.

[20] Detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 143458M. L-estratt miċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat Elvis Falzon jindika li ommu hija proprju Rosaria Falzon.

[21] Ikkonferma wkoll, fix-xhieda tiegħu tas-7 ta' Jannar 2021, illi t-trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni CCI-361 huwa reġistrat f'isem Uniplast Limited u ilu hekk reġistrat mit-13 ta' April 2018. Dan it-trakk jidher fir-ritratti esebiti mill-Ispettur Roderick Attard, Dok. RA2 sa Dok. RA11, liema ritratti nħarġu minn filmati tat-2 ta' Ġunju 2019.

[22] Din il-vettura, li kif xehed l-Ispettur Roderick Attard qiegħda tinżamm fil-compound tal-Pulizija ġewwa St. Andrew's, ġiet esebita formalment fl-atti proċesswali, 24 ta' Frar 2020. Vide folio 294.

[23] Dok. RA12 – wara li rrinunzja għad-dritt li jkollu assistenza legali qabel u wkoll waqt l-interrogazzjoni – Dok. RA13.

iċarrat jew jiftaħ huwa stess l-inċirata tat-trakk u joħroġ il-kaxxi, iżda huwa evidenti li kien qed jipprova jiftaħ il-bokkli tal-inċirata. Barra minn hekk, il-vettura Maruti hija kjarament viżibbli fl-isfond tal-filmat u evidentement, il-kaxxi misruqa ġew mgħobbija fil-vettura misjuqa mill-imputat Elvis Falzon.

Dwar l-elementi biex tissussti l-parteċipazzjoni materjali il-Qorti ser tagħmel riferenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Richard Grech**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fejn il-Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet[24]:

***47***. *Illi sabiex l-appellant jista' jinstab hati bħala ko-awtur f'dawn id-delitti jrid jirrizulta sodisfacjentement ippruvat mill-prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi kien hemm il-partecipazzjoni materjali tiegħu ma' l-ezekutur jew ezekuturi dirett/i tal-att li bih kien ikkonsumat ir-reat, iżda u fuq kollox illi huwa ppresta l-ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt. Dan allura necessarjament jimplika illi jrid ikun hemm il-ftehim pre-ordinat bejn tnejn jew aktar persuni ghall-fini li jiġi kommess id-delitt. Mankanti din l-intenzjoni u cioe' dan l-akkordju bejn tnejn jew iktar persuni, allura ma jistax jinghad illi l-figura tal-ko-awtur tista' tiehu l-hajja. Kwindi jrid jiġi ppruvat sal-grad tac-certezza morali illi "bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.*[25]*"*

***48.*** *Dak allura illi jrid jirrizulta mhuwiex biss l-att materjal li jindika l-presenza fizika ta' l-akkuzat fuq il-post tad-delitt għaliex dan l-element wahdu ma jistax jistabilixxi r-reita', iżda wkoll irid jirrizulta illi huwa jkun ha sehem attiv fil-kommissjoni tar-reat u wkoll illi kien hemm 'l hekk imsejjah "common design" bejn l-malviventi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Il-fatt materjali wahdu li persuna tkun ghenet biss fil-kommissjoni tad-delitt ghalhekk ma jistax iwassal ghall-figura tal-ko-awtur, iżda għal*

[24] Deċiża 31 ta' Ottubru 2018.
[25] App.Krim 24/05/2002; **Il-Pulizija vs Carmelo Agius et**.

*dak tal-komplici billi kif inghad l-ko-awtur irid necessarjament ikun ha sehem attiv fil-kommissjoni tad-delitt u mhux semplicement offra l-ghajnuna tiegħu fil-preparazzjoni ghall-kommissjoni tar-reat jew sabiex l-att materjali tal-ezekuzzjoni tad-delitt jirnexxi. Dan ifisser allura meta applikat għal fattispecje ta' dan il-kaz illi:-*

***"Jekk hemm il-hsieb bejn żewġ persuni, wiehed huwa l-awtur, dak li fil-fatt jispara u l-ieħor li jkun mieghu li ma jisparax, galadarba ghandu l-istess hsieb li joqtlu, u la qiegħed hemm jieħu parti attiva - f'dak il-kaz it-tieni persuna li ma tisparax li qed tiehu parti attiva hija l-ko-awtur.***

***Il-korreu mhux ristrett għal dak biss li kien l-esekutur dirett tal-att konsumattiv iżda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar-reat.[26]***

*Mhux biss iżda:*

***'Min ihajjar lil persuna oħra biex tikkommetti s-serq, u waqt li dik il-persuna tikkommetti s-serq jiddistrahi lil dawk li jkunu preżenti, huwa ħati ta' serq huwa wkoll bħala ko-awtur; għaliex huwa ko-awtur f'delitt minħabba parteċipazzjoni materjali mhux biss dak li jkun l-ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat, imma anki min b'xi mod ieħor jippresta ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt.[27]"***

Applikat dan l-insenjament għall-ġabra tal-filmati tas-serq li twettaq fil-5 ta' Lulju 2019, għandu jirriżulta illi l-imputat mhux biss ħa sehem materjali fit-twettiq tad-delitt iżda pprovda wkoll wieħed mill-mezzi li ġie użat fl-egħmil tad-delitt, ċioe' l-vettura Maruti. Fil-fat, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju illi l-imputat ipparteċipa xjentement u effettivament fil-kommissjoni tad-delitt ta' serq u għalhekk għandu jitqies li huwa ko-awtur tad-delitt.

L-istess konsiderazzjonijiet jgħoddu wkoll għas-serq li ġie kommess fit-8 ta' Lulju 2019: minn eżami tal-filmati relattivi jirriżulta illi l-imputat kien proprju l-persuna li

[26] Deċiża fl-14/12/2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mill-Imħallfin De Gaetano Vincent, Filletti Joseph A., Scicluna David - **Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**.
[27] Deċiża fil-25 ta' Ottubru 1958 mill-Imħallef Dr. W. Harding – **Il-Pulizija vs Joseph Scicluna**, Appell Inferjuri.

tidher tieħu d-diversi kaxxi li beda jnewwillu l-persuna l-oħra li daħal ġewwa l-istess trakk minn fetħa fl-inċirata, u jpoġġihom fil-vettura Maruti.

Evidentement, fil-filmati kollha esebiti fl-atti in konnessjoni mas-serq li twettaq fit-2 ta' Ġunju 2019, 5 ta' Lulju 2019 u 8 ta' Lulju 2019, dejjem jidhru żewġ persuni - waħda minnhom jidher fil-filmati ta' kull episodju ta' serq li jinsabu esebiti fl-atti, filwaqt li l-filmat tas-27 ta' Ġunju 2019 juri biss persuna waħda tisraq żewġ kaxxi mill-binja tal-fabbrika.

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-filmati tat-2 ta' Ġunju 2019 u tas-27 ta' Ġunju 2019 u l-istatura u d-dehra tal-persuni li jidhru f'dawn il-filmati, iżda ma rnexxilhiex tidentifika lill-imputat Elvis Falzon, la bħala wieħed mill-persuni li jidhru jipprovaw jiftħu l-inċirata tat-trakk fit-2 ta' Ġunju 2019[28], u lanqas bħala l-persuna li tidher fil-filmati tas-27 ta' Ġunju 2019 u li daħlet ġewwa l-fabbrika fejn tidher tisraq żewġ kaxxi, kif del resto ġie affermat ukoll minn Arthur Mallia fix-xhieda tiegħu. Inoltre, fil-filmat tat-2 ta' Ġunju 2019, il-vettura Maruti li jsuq l-imputat ma tidher imkien u l-Qorti teskludi illi l-vettura li tidher ipparkeġġjata fit-triq mal-entratura tal-bitħa hija l-vettura Maruti.

Fir-rigward tas-serqiet li allegatament ġew kommessi fit-12 ta' Ġunju 2019, fl-14 ta' Ġunju 2019, fl-20 ta' Ġunju 2019 u fil-21 ta' Ġunju 2019, skont kif indikat fil-lista Dok. AM3, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda filmat kwalsiasi u ħadd ma xehed illi ra lill-imputat jisraq mit-trakk tal-kumpannija Uniplast Limitred f'dawn id-dati.

Illi dan kollu jfisser illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sodisfaċjentement illi l-imputat Elvis Falzon ipparteċipa materjalment biss fis-serqiet li twettqu fil-5 ta' Lulju 2019 u fit-8 ta' Lulju 2019 kif ukoll fl-attentat ta' serq li seħħ fid-9 ta' Lulju 2019, iżda ma ressqet l-ebda prova li torbtu mas-serqiet li seħħew fit-12 ta' Ġunju 2019, fl-14 ta' Ġunju 2019, fl-20 ta' Ġunju 2019 u fil-21 ta' Ġunju 2019, filwaqt li ma ressqitx

[28] Ebda waħda minn dawn iż-żewġ persuni ma jixbaħ lill-imputat odjern anke fl-istatura.

provi biżżejjed li juru li Elvis Falzon kien involut b'xi mod fis-serqiet li twettqu fit-2 ta' Ġunju 2019 u fis-27 ta' Ġunju 2019.

Il-Qorti tqis li għandha tosserva wkoll illi mix-xhieda ta' Arthur Mallia jirriżulta li l-merkanzija deskritta bħala 'Lucky Dip' fit-tielet kolonna tar-rendikont, setgħet tiġi misruqa biss minn ġewwa l-fabbrika u mhux mit-trakk tal-konsenji. M'hemm l-ebda prova kwalsiasi fl-atti li turi illi l-imputat qatt daħal fil-binja tal-fabbrika jew li kien preżenti waqt il-kommissjoni tas-serqiet li twettqu fid-dati meta ġew neqsin il-prodotti imsejħa Lucky Dip u kif rajna, huwa eskluż li huwa kien il-persuna li dehret fil-filmati tas-27 ta' Ġunju 2019 tisraq żewġ kaxxi minn ġewwa l-fabbrika. Dan ikompli jafferma l-konklużjoni li waslet għaliha qabel illi l-imputat ma jistax jinstab ħati tas-serq ta' xi merkanzija li nstabet nieqsa fit-12 ta' Ġunju 2019, fl-14 ta' Ġunju 2019, fl-20 ta' Ġunju 2019, fil-21 ta' Ġunju 2019 u fis-27 ta' Ġunju 2019.

Mir-rendikont Dok. AM3[29], jirriżulta illi l-prodotti li ġew neqsin fil-5 ta' Lulju 2019 u fit-8 ta' Lulju 2019, fejn il-parteċipazzjoni tal-imputat fis-serqiet relattivi hija konklussivament ippruvata, kellhom valur komplessiv ta' €1,624[30].

Minn dan jikkonsegwi li r-reat ta' serq kommess mill-imputat, mertu tal-ewwel imputazzjoni, filwaqt li għandu jitqies bħala reat kontinwat għall-fini tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9, huwa aggravat bil-valur a tenur tal-Artikolu 267 kif ukoll l-Artikolu 279(a) tal-Kap. 9 u huwa aggravat ukoll bil-kwalifika tal-mezz għaliex kif stabbilit diġa', is-serq twettaq bi dħul fit-trakk fejn kienu jinsabu merfugħin il-kaxxi li effettivament insterqu, liema dħul seħħ bi ksur ossia tiċrit tal-inċirata u l-imputat ipparteċipa materjalment f'dawn is-serqiet. Anke jekk, kif ġie stabbilit diġa', m'hemm l-ebda prova li turi illi kien effettivament l-imputat Elvis Falzon li kien ċarrat l-inċirata oriġinarjament biex jikseb aċċess għall-kaxxi stivati ġot-trakk, Arthur Mallia xehed illi huma kienu jagħmlu *tape* mal-fetħa fl-inċirata u kien isib li dan it-tape kien jinqala' kull darba li jinsterqu l-kaxxi minn ġewwa t-trakk. Dan ifisser

---

[29] Fol. 75, esebit minn Arthur Mallia fix-xhieda tiegħu tal-24 ta' Lulju 2019 u konfermata wkoll in kwantu l-kontenut tal-ewwel erba' kolonni biss, minn Josette Vella.
[30] €560 (5.7.2019) + €1064 (8.7.2019).

neċessarjament illi s-serq li ġie kommess fl-okkażżjonijiet fejn il-parteċipazzjoni tal-imputat ġiet ippruvata u li tiegħu l-imputat kien ko-awtur, twettaq billi nkiseb aċċess għall-kaxxi bil-ftuħ tat-*tape* li kien qed jagħlaq it-tiċrita orġinali.

Madankollu, il-Qorti ma taqbilx li s-serq li ġie kommess mill-imputat, huwa kwalifikat bil-lok jew bil-ħin kif indikat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju. L-Artikolu 270 tal-Kap. 9 jiddisponi illi s-serq huwa ikkwalifikat bil-"ħin" jekk isir bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx, ċioe' bil-lejl iżda mill-filmati li juru l-kommissjoni tas-serqiet fil-5 ta' Lulju 2019 u fit-8 ta' Lulju 2019 u fl-attentat ta' serq fid-9 ta' Lulju 2019, huwa evidenti li ma kienx għadu dalam u li s-serq ġie kommess fid-dawl tax-xemx.

Imbagħad, in kwantu għall-kwalifika tal-lok, il-Qorti tqis illi r-reati li qed jinstab ħati tagħhom l-imputat ma ġewx kommessi minn maħżen jew tarzna tal-Gvern u ma taqbilx lanqas illi s-serq ta' kaxxi minn ġewwa t-trakk ipparkjat fil-bitħa ta' fabbrika, tista' jitqies bħala '*lok ieħor ta' depożitu ... li qiegħed għall-kumdita' tal-pubbliku*' skont kif jesiġi l-Artikolu 269(d) tal-Kap. 9. Jirriżulta minflok, li s-serqiet in diżamina seħħew fiċ-ċirkostanzi ravviżati fl-Artikolu 271(ġ) tal-Kap. 9, liema dispozizzjoni legali iżda, ma ġiex imsemmi mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tosserva in konklużjoni illi għalkemm huwa minnu li l-imputat Elvis Falzon jidher f'uħud mill-filmati jipprova jħoll il-bokkli tal-inċirata tat-trakk, huwa qatt ma deher iċarrat din l-inċirata, jiftaħha jew jidħol fit-trakk mill-fetħa tat-tiċrita. Hija għalhekk tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sal-grad meħtieġ li kien l-imputat li effettivament qatta' jew ċarrat l-inċirata tat-trakk. Konsegwentement, filwaqt li kif stabbilit, l-imputat ħa sehem attiv fil-kommissjoni tad-delitt ta' serq minn ġewwa l-istess trakk fil-5 u fit-8 ta' Lulju 2019, ma jistax jinstab ħati illi kkaġuna huwa stess il-ħsara li xehed dwarha Arthur Mallia u kwindi għar-reat taħt l-Artikolu 325 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi l-Avukat Ġenerali indika wkoll ir-reat taħt l-Artikolu 334(a) tal-Kap. 9, ċioe' r-reat ta' riċettazzjoni iżda l-Qorti tosserva illi filwaqt li jirriżulta li l-imputat laqa' għandu ħwejjeġ misruqa u akkwistati bir-reat ta' serq, l-imputat qed jinstab ħati li wettaq huwa stess, bħala ko-awtur, ir-reat ikkonsmat ta' serq li seħħ fil-5 ta' Lulju 2019 u fit-8 ta' Lulju 2019. Għalhekk, ma tistax issib lill-imputat ħati wkoll fl-istess ħin, tar-reat ta' riċettazzjoni u fehmet illi l-imputazzjonijiet ta' serq ikkonsmat u attentat ingħataw bħala alternattiva għall-imputazzjoni ta' riċettazzjoni taħt l-Artikolu 334(a) tal-Kap. 9.

Illi finalment, l-imputat qed jiġi mixli bl-addebitu tar-reċidiva taħt l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9. Iżda l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova sodisfaċjenti illi l-imputat ġie kkundannat qabel għal reat, wisq inqas għad-delitt ta' serq u fil-fatt, l-Ispettur Roderick Attard ikkonferma fix-xhieda tiegħu[31] illi ma setax jikseb kopja tas-sentenzi li ngħataw fil-konfront tal-imputat Elvis Falzon fi proċeduri kriminali għaliex dawn ma nstabux fl-arkivju tal-Qorti.

Huwa minnu li l-fedina penali tal-imputat[32] tinsab fost il-provi proċesswali u jirriżulta minn eżami tal-istess illi l-imputat ġie kundannat fil-passat għal reat kriminali, iżda huwa assodat fil-ġurisprudenza in materja illi l-fedina penali mhijiex l-aħjar prova tal-addebitu tar-reċidiva: l-aħjar prova tikkonsisti f'kopji debitament awtentikati ta' sentenzi li fuqhom tinsab imsejsa dan l-addebitu iżda fil-każ in diżamina, hija nieqsa l-prova li qatt kien hemm xi ġudizzju preċedenti li kkundanna lill-imputat għall-kommissjoni ta' reat kriminali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

---

[31] Xhieda tat-12 ta' Mejju 2021.
[32] Dok. RA3, fol. 9 *et seq*.

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

Għaldaqstant il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva taħt id-dispożizzjonijiet legali indikati mill-Avukat Ġenerali.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi. Huwa minnu li l-fedina penali tal-imputat m'hijiex nadifa u diversi drabi nstab ħati fil-passat għal reati kriminali. Iżda fl-istess waqt, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi mir-rapporti tal-Uffiċjal tal-Probation li qed isegwi lill-imputat taħt l-Ordni ta' Superviżjoni Provviżorju maħruġ fil-konfront tiegħu fis-26 ta' Settembru 2019, jirriżulta illi l-imputat ikko-opera bis-sħiħ matul it-tliet snin li ilu jiġi segwit. Għalkemm kellu fil-passat problema ta' dipendenza fuq id-droga eroina u kokaina u anke skonta sentenza ta' priġunerija għal reati konnessi mal-pussess u bejgħ ta' droga, il-kampjuni kollha li ttieħdu matul dawn it-tliet snin ta' superviżjoni lkoll irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi illeċiti u nstabu pożittivi biss għall-użu tal-kannabis. Inoltre, ġie stabbilit mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Glenn Grixti[33] illi l-imputat m'huwiex persuna ta' riskju għas-soċjeta' u dejjem attenda regolarment għas-sessjonijiet kif ukoll żamm kuntatt regolari mal-psikjatra u ħa l-medikazzjoni preskritta. Hija l-fehma tal-istess Uffiċjal tal-Probation li in vista ta' dan il-progress u l-qagħda stabbli tal-imputat, piena karċerarja tista' tkun ta' detriment għalih.

---

[33] Xhieda tal-4 ta' Ottubru 2022.

Il-Qorti wara li ħasbet fit-tul dwar il-piena idonea li għandha tiġi erogata, taqbel ma' dan u tat ħafna piż lil dan l-andament pożittiv tal-imputat u l-fatt li l-imputat ma jidhrix li huwa ta' riskju għas-soċjeta' jew li huwa fil-preżent, propens għall-kriminalita'. Għall-kuntrarju, tqis illi l-imputat għandu jibbenefika mill-fatt illi, kif inhuwa evidenti, għamel u għadu qed jagħmel sforz tremend biex itejjeb ħajtu u għalhekk tħoss li ma jkunx xieraq li tistultifika dan il-progress b'xi piena karċerarja għaliex hu ovvju li l-imputat qiegħed jislet il-frott tas-superviżjoni tal-Uffiċjal tal-Probation. Iżda fl-istess waqt, huwa doveruż fuqha li tassigura wkoll illi l-imputat ikompli jimxi fit-triq it-tajba permezz ta' sorveljanza professjonali kontinwata u strutturata minn persuni kwalifikati, u dan biex ir-rijiabilitazzjoni tiegħu tkun waħda effettiva u kompluta u sabiex ma jerġax jaqa' fil-vizzju illi jidher li ġabu f'tant inkwiet. Il-Qorti hija fiduċjuża u ottimista li dan il-progress illi l-imputat għamel s'issa sejjer jibqa' għaddej u għalhekk sejra tagħtih opportunita' li jibbenefika minn sanzjoni fil-komunita' minflok piena karċerarja filwaqt li jagħmel tajjeb lill-vittma għall-ħsara rrekata mir-reati minnu kommessi għad-detriment tagħha.

Peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti hija sodisfatta li s-sorveljanza tal-ħati minn Uffiċjal tal-Probation tkun mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu u anke li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra, sejra tqiegħdu taħt Ordni ta' Probation għaż-żmien massimu li tippermetti l-liġi.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dwar ir-reat ta' riċettazzjoni kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u filwaqt li tillibera lill-imputat mir-raba' imputazzjoni dwar ir-reat taħt l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 20, 31, 41(1)(a), 261(b)(ċ), 263, 264, 265, 267, 278(2), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil ELVIS FALZON ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien tlett (3) snin mil-lum u dan taħt il-**

**kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta' Probation mogħtija kontestwalment u li tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali, u semgħet ukoll lill-ħati jesprimi r-rieda tiegħu li jikkonforma ruħu mal-ħtiġijiet tal-Ordni ta' *Probation*.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna lill-ħati ELVIS FALZON iħallas lil Uniplast Limited is-somma ta' tmien mija u għaxar Euro (€810) in linea ta' sehmu mill-kumpens għat-telf soffert minnha b'riżultat tas-serq ta' ħwejjiġha u dan fi żmien tmien (8) xhur.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tordna wkoll il-konfiska tal-*corpus delicti*, ċioe' l-vettura Maruti 800 bin-numru ta' reġistrazzjoni CBE-737 esebita formalment fl-atti proċesswali fl-24 ta' Frar 2020.**

**Għall-fini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas lir-Reġistratur tal-Qorti tas-somma ta' mitejn u sitta u sittin Euro (€266), rappreżentanti terz (1/3) tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri[34] fi żmien tmien (8) xhur.**

**Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[34] Dr. Stephen Farrugia Sacco, relazzjoni Dok. SFS1, drittijiet fis-somma totali ta' €797.98.